32005D0864

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Diċembru 2005

dwar in-nuqqas ta' l-inklużjoni ta' l-endosulfan fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4611)

(Test b' relevanza għaż-ŻEE)

(2005/864/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment ir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8 (2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE ppreveda li l-Kummissjoni twettaq programm ta' ħidma għall-eżaminazzjoni ta' sustanzi attivi użati fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma diġà fuq is-suq fil-25 ta' Lulju ta' 1993. Regoli dettaljati għall-iżvolġiment ta' dan il-programm ġew stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistipola regoli dettalljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol li jissemma fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [2].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 933/94 tas-27 ta' April ta' 1994 li jistipola s-sustanzi attivi ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti u Stati Membri nominati rapporteur għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/934, li [3] nnominat is-sustanzi attivi li għandhom jiġu assessjati fil-kwadru tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92, innominat Stat Membru sabiex jaġixxi bħala rapporteur fl-ambitu ta' l-assessjar ta' kull sustanza u identifikat il-produtturi ta' kull sustanza attiva li ppreżentaw notifika fil-ħin.

(3) L-endosulfan huwa wieħed minn 89 sustanza attiva nominata fir-Regolament (KE) Nru 933/94.

(4) Skond l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92, Spanja, li hija nominata Stat Membru rapporteur, ippreżentat nhar il-22 ta' Frar 2000 lill-Kummissjoni rapport dwar l-assessjar tagħha ta' l-informazzjoni li tressqetmin-notifikant skond l-Artikolu 6 (1) ta' dak ir-Regolament.

(5) Meta rċeviet ir-rapport ta' l-Istat Membru rapporteur, il-Kummissjoni ħadet ħsieb li tikkonsulta l-esperti ta' l-Istati Membri kif ukoll man-notifikanti ewlenin Bayer CropScience u Makhteshim Agan kif ipprovdut fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92. Ħareġ jidher li kien hemm bżonn aktar data. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/810/KE(5) tistipola skade [4] nza għassottomissjoni tad-data minn notifikant, li skadiet nhar il-25 ta' Mejju ta' l-2002. L-istess deċiżjoni stipolat skadenza oħra tal-31 ta' Mejju 2003 għal studji speċifiċi fuq medda twila ta' żmien..

(6) Il-Kummissjoni organizzat laqgħa bi tlieta mal-partijiet ewlenin li ssottomettew id-data u l-Istati Membri rapporteur għal din is-sustanza attiva nhar is-17 ta' Mejju ta' l-2004.

(7) Ir-rapport ta' assessjar ippreparat minn Spanja ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fiħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali. Ir-reviżjoni ġiet iffinalizzata nhar il-15 ta' Frar 2005 fil-format tar-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-endosulfan.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/58/KE (ĠU L 246, 22.9.2005, p. 17).

[2] ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10, Regolament kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 2266/2000 (ĠU L 259, 13.10.2000, p. 27).

[3] ĠU L 107, 28.4.1994, p. 8; Regolament kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 2230/95 (ĠU L 225, 22.9.1995, p. 1).

[4] ĠU L 305, 22.11.2001, p. 32.

(8) Matul l-evalwazzjoni ta' din is-sustanza attiva, numru ta' oqsma li jqanqlu xi dubji ġew identifikati. Dan seħħ b' mod partikolari fl-ambitu tal-konsegwenzi u l-effetti ambjentali billi l-mod ta' deġenerazzjoni tas-sustanza attiva mhuwiex ċar għal kollox u nstabu metaboliti mhux magħrufa mill-istudji dwar id-degradazzjoni tal-ħamrija u d-degradazzjoni ta' l-ilma/is-sediment, u mill-istudji dwar il-meżokożmu. Fl-ekotossikoloġija, jibqgħu bosta inċertezzi għaliex ir-riskju għaż-żmien fit-tul, partikolarment minħabba li metaboliti msemmija fuq, ma jistax ikun indirizzat biżżejjed bl-informazzjoni disponibbli. Barra minn hekk, l-esponiment ta' l-operaturi taħt kondizzjonijiet ta' ġewwa ma ġiex indirizzat biżżejjed bl-informazzjoni disponibbli. Ta' min jgħid ukoll li l-endosulfan huwa volatili, il-metabolit ewlieni tiegħu huwa persistenti u nstab f' riżulatati ta' monitoraġġ minn reġjuni fejn is-sustanza ma ntużatx. Konsegwenza ta' dan, minħabba li dawn id-dubji jibqgħu mingħajr soluzzjoni, l-assessjar li kien sar fuq il-bażi ta' l-informazzjoni sottomessa ma wriex li jista' jkun mistenni, taħt il-kondizzjonijiet ta' użu proposti, li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-endosulfan jwettqu l-kondizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(9) L-endosulfan m'għandux għalhekk jiġi inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(10) Iridu jittieħdu miżuri sabiex ikun aċċertat li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-endosulfan jiġu rtirati fi żmien perjodu preskritt u ma jiġġeddux u li ma tingħata ebda awtorizzazzjoni ġdida

(11) Fid-dawl ta' l-informazzjoni mressqa lill-Kummissjoni jidher li, fin-nuqqas ta' alternattivi effiċjenti għal ċertu użu limitat f'ċerti Stati Membri, hemm il-ħtieġa għal aktar użu tas-sustanza attiva sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati alternattivi. Huwa għalhekk iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi preżenti li jiġi preskritti, skond kondizzjonijiet stretti li għandhom l-għan tal-minimizzazzjoni tar-riskju, perjodu itwal għall-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti għal użu limitat li huma kkunsidrati bħala essenzjali u li għalihom m'hemm ebda alternattiva effiċjenti oħra li hija disponibbli għall-kontroll ta' ċerti organiżmi li huma ta' ħsara.

(12) Kull perjodu ta' grazzja għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' stokks eżistenti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-endosulfan li huma permessi mill-Istati Membri, għandhom ikunu limitati għal perjodu ta' mhux iktar minn tnax–il xahar sabiex l-istokks eżistenti jitħallew jiġu użati f'mhux iktar minn staġun wieħed ta' koltivazzjoni.

(13) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax l-ebda azzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu fi stadju aktar avvanzat għal din is-sustanza attiva fil-kwadru tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru ta' l-1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi [1] kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 850/2004.

(14) Din id-deċiżjoni ma tippreġudikax it-tressiq ta' applikazzjoni għall-endosulfan skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE bil-għan ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I.

(15) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma stipolati b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-endosulfan m'għandux jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li:

1. L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-endosulfan huma rtirati minn il-2 ta' Ġunju ta' l-2006;

2. sa-3 ta' Diċembru 2005 l-ebda awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-endosulfan ma tingħata jew tiġġedded skond id-deroga pprovduta fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE;

3. In relazzjoni ma' l-użu elenkat fil-kolonna B ta' l-Anness, Stat Membru li huwa speċifikat f'kolonna A jista' jibqa' jinforza awtorizzazzjonijiet dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-endosulfan sat-30 ta' Ġunju ta' l-2007 bil-kundizzjoni li:

   (a) jaċċertaw li tali prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jibqgħu fuq is-suq u jiġu ttikkettjati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kundizzjonijiet ta' użu ristrett;

[1] ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36. Direttiva kif emendata l-aħħa mir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

(b) jimponu l-miżuri ta' trażżin tar-riskju xierqa sabiex inaqqsu kull riskju possibbli sabiex jaċċertaw il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-ambjent; u

(ċ) jaċċertaw li l-prodotti alternattivi jew metodi alternattivi huma segwiti serjament, partikolarment, permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u partikolarment l-azzjonijiet meħuda skond il-punti (a) sa (c) u jipprovdu kull sena stimi dwar l-ammonti ta' endosulfan użat għall-użu essenzjali skond dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun:

(a) Għall-użu li għalih l-awtorizzazzjoni għanda tiġ rtirata fil- il-2 ta' Ġunju ta' l-2006, għandha tiskadi mhux iktar tard minn il-2 ta' Ġunju ta' l-2007;

(b) għal użu li għalih l-awtorizzazzjoni għandha tiġi rtirata sat-30 ta' Ġunju ta' l-2007, għandha tiskadi mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' l-2007.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-2 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni Ewropea

ANNESS

Lista ta' awtorizzazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 2(3)

Kolonna A	Kolonna B
Stat Membru	Użu
Il-Greċja	Qoton, tadam, bżar, lanġas, patata, alfa-alfa
Spanja	Ġellewż, qoton, tadam
L-Italja	Ġellewż
Il-Polonja	Ġellewż, frawli, ġerbera, basal ornamentali